# IL-MAZZARELL

Fost l-insetti li niltaqgħu magħhom jittajru fil-baxx f'xi wied fejn jingemgħa l-ilma tax-xita, hekk kif jibda jaqleb it-temp minn nofs ir-Rebbiegħa, tul is-sajf sa l-Ħarifa, insibu l-Mazzarelli jew Ċikkuġwiebi kif jissejħu f'xi postijiet ta' Malta. Dawn l-insetti, flimkien mad-Damiġelli (**Damselflies**) jagħmlu parti mill-Ordni magħrufa bħala Odonata. In-numru ta' speċi, f'din l-Ordni ilaħħaq madwar erbat elef u tmien mija; il-parti l-kbira ta' dawn meqjusa bħala nsetti pjuttost primittivi. Dan jidher l-akta meta wieħed iqis l-istorja u l-izvilup tagħhom. Instabu fossili ta' madwar 265 miljun sena (**Permian Period**) li juru li ma kienx hemm wisq bidla fl-għamla ġenerali ta' dawn l-insetti matul iż-żminijiet.

Għalkemm mad-daqqa t'għajn l-għamla hi ftit li xejn differenti bejn speċi u oħra, il-mazzarelli jingħarfu minn xulxin mid-daqs u l-kulur kif ukoll min-numru u l-għamla tal-vini ta' fuq ġwinħajhom. Bhal kull insett ieħor, il-Mazzarelli għandhom ġisimhom maqsum fi tliet partijiet —ir-ras (**head**), is-sider (**thorax**) u ż-żaqq (**abdomen**), u tliet pari saqajn. Bħal ħafna nsetti oħra għandhom ukoll żewġ pari ġwienaħ. Fil-Mazzarell dawn huma żviluppati ħafna u mhux ta' b'xejn meta wieħed iqis il-mod kif jaqbad il-priża waqt li hu jkun qiegħed jittajjar. B'ħeffa kbira il-Mazzarell jaħtaf u jżomm il-priża b'saqajh waqt li fi ftit ħin jikolha. Id-dudu tal-Mazzarell (**nymph**) li jinstab fl-ilma huwa ukoll kaċċatur bħall-kbir. Dan id-dudu l-aktar li jiekol huma mrieżeb u nsetti oħra li hu jaħtaf bil-partijiet speċjalizzati tal-ħalq. Wara li jikber sa ċertu daqs, id-dudu joħroġ mill-ilma billi jitla' ma xi zokk u imbagħad jinża' l-aħħar qoxra u joħrog l-insett perfett. Dan il-proċess normalment isir matul il-lejl biex sa filgħodu l-ġwienaħ ikunu laħqu nixfu u hekk tibda l-aħħar fażi taċ-ċiklu — dik ta' l-adult.

Fil-Gżejjer Maltin insibu madwar ħdax il-speċi ta' Mazzarell li fil-parti l-kbira jirnexxilhom ibidu hawn b'suċċess. Oħrajn iżda huma magħrufa li jpassu distanzi twal għad li ma ġiex irraportat li bdew kolonji lokali.
Tnejn minn dawn huma *Selysiothemis nigra* u *Hemianax ephippiger*. Ta' l-ewwel igħix it-Turkija u l-ieħor mill-Afrika ta' Fuq sa l-Indja. Fost l-iżjed komuni, jittajjar ħdejn xi vaska jew għadira għal matul seba' xhur tas-sena, insibu lil *Crocothemis erythraea*. Il-kulur ivarja immens bejn is-sessi; ir-raġel huwa aħmar igħajjat waqt li l-mara tagħti fl-isfar.

L-akbar speċi li jbidu f'pajjiżna huma dawk imsejħin *Anax* li minnhom għandna tnejn l-*Anax imperator* u *Anax parthenope*. Dawn għandhom kulur kaħlani u ġwienaħ li jwasslu madwar 100 mm minn ponta sa ponta.

LOUIS F CASSAR

*Wieħed mill-Mazzarelli li nsibu jbejjet hawn Malta*



LOUIS CASSAR


AN MOS/SSCN PUBLICATION
P O BOX 498 and 459 VALLETTA.